MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru. 345/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Mario Pollacco**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Pollacco ta' 42 sena, bin Joseph u Joan nee` Mallia, imwieled Msida nhar l-24 ta' April 1964, residenti l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 217464(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Settembru 2005 u fil-jiem ta' qabel din id-data fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid:-

a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw medicina (herojina) f'dawn il-gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jew jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Ukoll talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-Habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti ikun li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga herojina) liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) u l-kunsens tal-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2013[1], fejn ghar-ragunijiet hemmhekk indikati u sabiex jigu sanati l-atti, ordnat illi l-proceduri jergghu jibdew mill-gdid;

Rat ukoll illi waqt l-ezami[2] li sar lilu skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

[1] A fol. 71 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 75 tal-process.

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

1. Fit-22 ta' Settembru 2005, Ufficjali tal-habs ossia CO 110 John Callus, CO 131 Raymond Agius u CO 109 Conrad Saliba, ghamlu tfittxija fic-cella numru 20, f'Divizjoni 11 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, liema cella kienet okkupata mill-imputat, li kien prezenti waqt l-istess tfittxija.

2. Waqt din it-tfittxija, instab basket li kien jikkontjeni muturi tal-*plastic* tal-*Playmobil.* Kull mutur kellu kaxxi zghar fuq wara u meta dawn infethu, nstabu go fihom *inter alia* pakketti imgezwrin f'tape iswed. [3]

3. Dwar din is-sejba, kienet saret inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli, f'liema inkjesta gew mahtura diversi esperti ossia l-Ispizjar Mario Mifsud, bhala analista, il-Perit Richard Aquilina bhala espert tekniku biex jaghmel access fuq il-post tal-incident u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-kaz u lil PS 46 Charlo Casha u PC 465 Daniel Abela bhala *Scene of the Crime Officers.*[4]

4. L-imputat rrilaxxja stqarrija fit-22 ta' Settembru 2005 u dan wara li nghata d-debita twissija ossia illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova.

F'dan il-kaz, kif inghad izjed il'fuq, b'digriet moghti minnha fit-28 ta' Ottubru 2013[5], il-Qorti ordnat illi l-proceduri jergghu jibdew mill-gdid ghall-motivi hemmhekk indikati. Kif jirrizulta mill-verbal tas-26 ta' Novembru 2013[6], wara illi l-Prokezzjoni ressqet bhala xhud lill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, id-difiza rregistrat l-oggezzjoni taghha fir-rigward ta' din ix-xhieda billi ssottomettiet illi l-Prosekuzzjoni ma setghetx tressaq provi li qatt ma kienet ressqet qabel f'dawn il-proceduri. Da parti taghha, il-Prosekuzzjoni

[3] Xhieda ta' CO 110 John Callus, a fol. 139 sa 141 tal-process; xhieda ta' CO 109 Conrad Saliba, a fol. 142 u 144 tal-process; xhieda ta' CO 131 Raymond Agius, a fol. 135 sa 138 tal-process.
[4] A fol. 1 u 2 tal-*proces verbal*.
[5] A fol. 71 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 79 *et seq* tal-process.

ssottomettiet illi l-Qorti ordnat illi kellhom jergghu jibdew jinstemghu l-provi.

F'dan ir-rigward jinghad illi la darba sabiex tissana l-atti, il-Qorti ordnat illi l-proceduri kellhom jergghu jibdew mill-gdid u la darba l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx li kienet qeghda tistrieh fuq il-provi mressqa minnha qabel, tant illi ma ezentatx lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi, il-Qorti ordnat sabiex jergghu jibdew jinstemghu l-provi. Il-kawza regghet inbdiet mill-gdid, inqraw u gew konfermati l-akkuzi bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat skond il-ligi u fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti ordnat li jergghu jibdew jinstemghu l-provi, il-Prosekuzzjoni setghet ittella' dawk il-provi kollha li hija kien jidhrilha li ghandha ttella' sabiex issostni l-kaz taghha, inkluz ghalhekk provi li ma kinux tressqu qabel f'dawn il-proceduri. In kwantu l-Qorti ordnat illi l-proceduri kellhom jergghu jibdew mill-gdid, il-provi kollha li kienu tressqu sa dakinhar f'dawn il-proceduri ma kinux jaghmlu stat la favur u lanqas kontra l-imputat u l-Prosekuzzjoni setghet jew tiddikjara li qed tistrieh fuq il-provi mressqa minnha sa dakinhar jew inkella terga' tibda mill-gdid bil-gbir tal-provi, kif fil-fatt ghamlet. Il-kawza ma bdietx mill-gdid biss ghall-Prosekuzzjoni, izda ghaz-zewg partijiet u ghalhekk, kif il-Prosekuzzjoni kellha d-dritt li tressaq il-provi kollha li kien jidhrilha, inkluz provi li ma kinitx ressqet qabel id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2013, id-difiza kellha ezattament l-istess dritt. Ghaldaqstant, is-sottomissjoni tad-difiza f'dan ir-rigward ma tregix, kif konsegwentement lanqas ma tregi s-sottomissjoni taghha illi r-relazzjoni prezentata mill-Ispizjar Mario Mifsud u x-xhieda tieghu ghandhom jigu skartata minn din il-Qorti.

In oltre fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssollevat il-punt illi fiz-zmien illi fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, huwa ma kellux il-jedd li jikseb parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu. Ghalkemm id-difiza f'dawn is-sottomissjonijiet finali, ma talbitx lill-Qorti specifikatament sabiex tiddikjara din l-istqarrija bhala prova inammissibbli, il-Qorti sejra l-ewwel tiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

**L-ammissibilita` tal-istqarrija**

Illi m'huwiex kontestat illi fil-jum li fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fit-22 ta' Settembru 2005, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.*"

F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li diga` kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn u cioe` minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa' sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius**, ghalkemm huwa minnu illi l-Qorti Kostituzzjoni kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f'dak il-kaz, ikun bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha, madankollu, l-istess Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fis-sentenza hawn fuq citati. Fil-fatt, din is-sentenza hija fuq l-istess binarju ta' sentenza ohra moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

*"… il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq*[7]*, madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*

[7] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, u sentenza ohra fl-ismijiet **Joseph Bugeja vs Avukat Generali** (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija."*

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghal ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz **Pulizija vs Amanda Agius**, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Dawn il-principji regghu gew ribaditi f'sentenzi ohrajn tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom dik tas-26 ta' April 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**, kif ukoll f'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et** tad-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2014.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat kellu 41 sena u kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, sa dakinhar li rrilaxxja l-istqarrija, huwa kien instab hati ta' diversi reati fosthom serq aggravat u traffikar ta'

droga eroina, dwar liema l-imputat kien skonta piena ta' seba' xhur prigunerija. Dan apparti l-fatt illi fiz-zmien tal-istess stqarrija, l-imputat kien jinsab detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u skond ma jghid hu stess fl-istess stqarrija, huwa kien ilu tlett snin il-habs dwar omicidju volontarju, dwar liema reat, mill-fedina penali aggornata tieghu, jirrizulta illi sussegwentement, fl-1 ta' Dicembru 2005, huwa kien gie kkundannat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri ghal piena ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija. Jidher mill-istess fedina penali, li l-imputat originarjament kien gie sentenzjat mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Gunju 2002, liema sentenza imbaghad giet mibdula in parte permezz tas-sentenza tal-1 ta' Dicembru 2005. Ghalkemm l-imputat gie kkundannat definittavement dwar dan l-ahhar reat tieghu wara li sehh il-kaz odjern, biss m'hemm l-ebda dubju illi l-imputat kien midhla sew tal-pulizija u tal-mod kif isiru l-interrogazzjonijiet u ma kienx ser jintimida ruhu bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju tieghu. Kellu esperjenza ta' interrogatorju dwar tal-inqas zewg reati – traffikar ta' droga u omicidju volontarju – u cioe` anke reati ferm serji fil-portata taghhom.

L-imputat, ghalkemm ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija, ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel l-istess stqarrija. Il-prezenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax tqis lill-imputat bhala persuna vulnerabbli fiz-zmien li ttehditlu l-istqarrija u ghaldaqstant qed tqis illi l-istess stqarrija ghandha valur probatorju u hija ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti sejra issa tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta' kull imputazzjoni.

a) Assocjazzjoni ma' persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga eroina f'dawn il-gzejjer jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni

Skond l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun hati ta' reat kontra l-istess Ordinanza kull min "*jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni*".

L-Artikolu 22(1A) tal-istess Kap. 101 imbaghad ikompli jghid, b'referenza ghas-sub-artikolu citat, illi "*l-assocjazzjoni ta' persuni … tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu*".

Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Caddick, Phillip Walker, *Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri elenkat it-tlett elementi necessarji sabiex tissussiti l-assocjazzjoni fil-kaz ta' droga. B'referenza ghall-indirizz mill-Ewwel Qorti lill-gurati, il-Qorti qalet hekk:-

*"… the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice".*

*… Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons" (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy <u>and</u> the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices …".*

Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dumbaya Almani</u>**, b'referenza ghas-sentenza fuq citata, dawn it-tlett elementi – il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar, l-intenzjoni illi tigi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni – iridu jigi pruvati minghajr dubbju dettat mir-raguni.

Mill-provi migjuba f'dan il-kaz, jirrizulta illi fit-22 ta' Settembru 2005, CO 131 Raymond Agius, CO 110 John Callus u CO 109 Conrad Saliba ghamlu tfittxija fic-cella numru 20 f'Divizjoni 11, liema cella kienet okkupata mill-imputat.[8] Waqt

[8] Xhieda ta' CO 131 Raymond Agius (a fol. 135 *et seq* tal-process), ta' CO 110 John Callus (a fol. 139 *et seq* tal-process) u ta' CO 109 Conrad Saliba (a fol. 142 *et seq* tal-process).

din it-tfittxija, huma sabu basket li kien fih muturi tal-*Playmobil*. Meta nfethu dawn il-muturi, li fuq wara taghhom kellhom kaxxa[9], instabu go fihom oggetti suspettuzi mkebbin f'*tape* iswed – fi kliem CO 131 Raymond Agius, "*qishom bococ tondi imkebbin f'tape iswed*"[10]. Skond CO 110 John Callus, instabu izjed minn bicca wahda ghaliex kemm hu, kif ukoll l-ufficjali l-ohrajn sabu dawn l-oggetti fl-istess basket[11], kif ikkonferma wkoll CO 109 Conrad Saliba li xehed illi meta fethu l-kaxxi tal-muturi sabu pakketti b'*tape* iswed u li ghalkemm ma kienx jiftakar kemm kien hemm, kien jaf li kien hemm izjed minn pakkett wiehed.[12]

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-22 ta' Settembru 2005[13], liema stqarrija l-ex Spettur Nadia Lanzon gharfitha bhala l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-presenza taghha u fil-presenza tal-ex Spettur Jesmond Borg[14], l-imputat qal hekk dwar is-sustanza misjuba fic-cella tieghu:

"M: Nghid sew li meta gew spezzjonati dawn il-muturi tal-pupi go fihom u cioe` fil-kaxxa ta' wara tal-mutur instabu 9 qratas tal-plastic li kienu miksijin b'tape iswed x'tghidli dwar dan?

T: Iva veru. Dawk naf li huma droga u nissuspetta li huma droga eroina. Dawk gew moghtija lili biex inzommhom temporanjament sakemm jerga' jigi jitlobhomli. Jiena kont qed nigi uzat bhala keeper u ta' dan jien kont qed nigi mhallas u cioe` kien itini pakkett kuljum biex inzomm il-vizzju.

M: Go uhud mill-muturi instabu wkoll erbat iqratas ohra tal-plastic li ma kellhomx tape iswed u li fihom kien hemm xi trab xi tghidli dwar dawn?

T: Dawk ukoll kellhom id-droga go fihom u nissuspetta li kienet droga eroina. Wiehed minn dawn kien tieghi u go fih kien hemm tlieta jew erbat iqratas imma nahseb li tlieta kien hemm. Dawn kien

---

9 Xhieda ta' CO 109 Conrad Saliba (a fol. 143 tal-process).
10 A fol. 136 tal-process.
11 A fol. 141 tal-process.
12 A fol. 143 tal-process.
13 A fol. 22 tal-process.
14 Ara xhieda tal-ex Spettur Nadia Lanzon, a fol. 82 tal-process; fix-xhieda tieghu, l-ex Spettur Jesmond Borg (a fol. 149 u 150 tal-process) ukoll gharaf il-firem tieghu u tal-ex Spettur Nadia Lanzon fuq l-istqarrija mehuda lill-imputat li tinsab esebita a fol. 22 tal-process.

tahomli dik l-istess persuna bhala hlas ghax l-ahhar li tani kien il-bieraht lura u minnhom uzajt wiehed il-bierah."

…

M: Int kemm ilek izomm ix-xoghol ghal din il-persuna?

T: Dawn l-ahhar ghaxar t'ijiem mindu bdejt niehu l-eroina."[15]

Kif inghad izjed il'fuq, huwa necessarju li sabiex tirrizulta l-imputazzjoni tal-assocjazzjoni kif dedotta kontra l-imputat, irid jirrizulta, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm ftehim bejn zewg persuni jew aktar, l-intenzjoni li tigi negozjata d-droga u ftehim dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni.

Kull ma jirrizulta mill-istqarrija tieghu huwa illi l-imputat kien ftiehem ma' persuna ohra, liema persuna l-imputat irrifjuta li jsemmih[16], sabiex l-istess imputat izommlu d-droga temporanjament, fil-waqt illi ta' dan ir-riskju – fi kliemu stess "*kont qed nigi uzat bhala keeper*" – huwa kien qieghed jigi mhallas bid-droga ossia b'pakkett kuljum sabiex izomm il-vizzju.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad illi tirrizulta l-assocjazzjoni da parti tal-imputat. Jirrizulta sempliciment xi forma ta' ftehim bejn l-imputat u persuna ohra fis-sens hawn fuq spjegat, izda ma tezistix prova cara u inekwivoka li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-imputat flimkien ma' din il-persuna, li jinnegozzja d-droga eroina jew illi kien hemm xi ftehim bejniethom dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni sabiex tigi negozjata d-droga eroina. Ma jirrizultax illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat u t-terza persuna illi jittraffikaw id-droga eroina bhal ma lanqas ma jirrizulta illi gew 'ikkumbinati

[15] A fol. 24 tal-process.
[16] A fol. 24 tal-process.

jew miftiehma mezzi' li bihom l-imputat u t-terz kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga. Jista' jkun (u x'aktarx kien hekk, in vista tal-ammont ta' eroina misjub fic-cella tal-imputat) illi fil-fatt it-terza persuna li ghaddiet is-sustanza lill-imputat, kienet fil-fatt qeghda tittraffika hi d-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u jista' wkoll ikun il-kaz illi kien hemm xi ftehim illi l-imputat jittraffika d-droga mat-terz ukoll, izda f'dawn il-proceduri l-Qorti ma tistax toqghod fuq dak li 'jista' jkun' jew dak li huwa possibbli jew addirittura probabbli, izda dak li jirrizulta b'mod car u inekwivoku mill-provi prodotti u lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt illi nstabet id-droga eroina fic-cella tal-imputat u anke l-fatt illi l-istess imputat qal fl-istqarrija tieghu fir-rigward tal-pakketti li ghaddielu t-terz sabiex izzommhomlu temporanjament "*Dawk naf li huma droga u nissusspetta li huma droga eroina*" ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni illi allura kien hemm ftehim fis-sens li trid il-ligi sabiex tirrizulta ppruvata l-imputazzjoni ta' assocjazzjoni jew illi l-provi mressqa "*cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy*"[17].

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul** deciza fis-17 ta' Marzu 2005. F'dak il-kaz, wiehed mill-aggravji tal-appellant kien fis-sens illi ma kien hemm l-ebda prova ta' ftehim jew assocjazzjoni. Il-Qorti, f'dak il-kaz, ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta' certu Philip Magri, li allega li kien gie mitlub mill-appellant sabiex izomm ghandu d-droga kokaina u kkonkludiet li minn din ix-xhieda ma rrizultax li kienu gew "ikkumbinati jew mifthema l-mezzi" li bihom l-appellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza. Wara li l-Qorti rreferiet ghal *Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003* dwar l-assocjazzjoni u l-elementi ta' dan ir-reat, kompliet hekk:-

"*Dak li jirrizulta minn dak li qal Magri huwa: l-insistenza ta' l-appellant biex izommlu d-droga, li kien l-appellant stess li ppakkja d-droga f'diversi qratas, li*

[17] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden**.

*qabel il-gurnata li sar ir-raid mill-Pulizija l-appellant kien mar ghandu xi tliet darbiet ohra biex jiehu xi pakketti … X'kien jaghmel l-appellant bil-pakketti li jiehu ma jirrizultax. Ma jistax jigi eskluz li kien jehodhom ghall-uzu tieghu personali galadarba huwa stess jammetti li kien jaghmel uzu mill-kokaina, ghalkemm jghid li f'dak il-perijodu kien ilu xi xhur li waqaf mill-abbuz tad-droga. Dan ma jwassalx ghal inferenza li allura bejn l-appellant u Magri kien hemm assocjazzjoni skond l-artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101."*

L-istess jista' jinghad f'dan il-kaz. Il-Qorti mhijiex sodisfatta illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk qed tilliberah minnha.

b) u c) <u>Traffikar u pussess aggravat ta' droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin</u>

Kif diga` inghad izjed il'fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta illi huwa kien qieghed izomm l-maggor parti tas-sustanza misjuba fic-cella tieghu temporanjament u dan sakemm min tahomlu, kien ser jerga' jitlobhomlu lura.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat qal hekk fir-rigward tad-disat iqratas tal-*plastic* miksija b'*tape* iswed li nstabu fic-cella tieghu:

T: … Dawk naf li huma droga u nissuspetta li huma droga eroina. Dawk gew moghtija lili biex inzommhom temporanjament sakemm jerga' jigi jitlobhomli. Jiena kont qed nigi uzat bhala keeper u ta' dan jien kont qed nigi mhallas u cioe` kien itini pakkett kuljum biex inzomm il-vizzju.[18]

Meta l-imputat gie mistoqsi dwar erbat iqratas ohra tal-*plastic* li ma kellhomx *tape* iswed li wkoll instabu fic-cella tieghu, l-imputat wiegeb hekk:

[18] A fol. 24 tal-process.

T: Dawk ukoll kellhom id-droga go fihom u nissuspetta li kienet droga eroina. Wiehed minn dawn kien tieghi u go fih kien hemm tlieta jew erbat iqratas imma nahseb li tlieta kien hemm. Dawn kien tahomli dik l-istess persuna bhala hlas ghax l-ahhar li tani kien il-bieraht lura u minnhom uzajt wiehed il-bierah.[19]

Issa mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[20], jirrizulta illi l-istess espert inghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi: a) hames bicciet *foil* bi tnejn minnhom b'ticpis kannella u iswed fuqhom; b) parti minn sigarett tal-marka Rothmans; c) bicca *plastic* sewda; d) bicca karta rrumblata; e) tmien pakketti, maghmulin minn tape iswed, f'liema pakketti kien hemm borza zghira bi trab kannella; f) pakkett wiehed maghmul minn tape iswed, li go fih kien hemm borza zghira b'sustanza ta' lewn kannella skur; g) zewg boroz zghar tal-*plastic* b'sustanza ta' lewn skur fihom; h) borza zghira tal-*plastic* li fiha kien hemm trab ta' lewn kannella; u i) pakkett tal-*plastic* trasparenti li kien fih erbat iqratas tal-karti bi trab kannella go fihom.

Mill-konkluzjonijiet tal-istess espert, jirrizulta illi:

a) Ma nstabux sustanzi illegali fuq zewg bicciet tal-*foil* li kien hemm fid-dokument moghti lill-esperti (il-*foil* imsemmi fil-paragrafu (a) hawn fuq);

b) Il-frak ta' sustanza kannella skur, li kien raza tal-*cannabis* u li kien hemm f'pakkett li kien maghmul minn *tape* iswed (paragrafu (f) supra) u fiz-zewg boroz zghar tal-*plastic* (paragrafu (g) supra), f'ammont nett totali ta' 1.355 grammi, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-medja tal-purita` tar-raza tal-*cannabis* kienet ta' 4.17%;

c) Instabu tracci tas-sustanza eroina fuq bicca karta rrumblata (paragrafu (d) supra);

d) It-trab ta' lewn kannella car li kien hemm fit-tmien boroz zghar tal-*plastic* li kienu f'pakketti maghmula minn *tape* iswed (paragrafu (e) supra), it-trab kannella li kien hemm fl-erbat iqratas tal-karti (paragrafu (i) supra) u t-trab kannella li kien hemm f'borza zghira tal-*plastic* (paragrafu (h)

[19] A fol. 24 tal-process.
[20] A fol. 92 *et seq* tal-process.

supra), f'ammont nett totali ta' 7.602 grammi, instabet fihom is-sustanza eroina. Il-medja tal-purita` ta' dan it-trab ghas-sustanza eroina kienet ta' cirka 46.37%.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk illi s-sustanza li l-imputat jghid li kien qed izomm ghal haddiehor kienet tikkonsisti fi droga eroina u f'raza tal-*cannabis* – jirrizulta mill-konkluzjonijiet hawn fuq indikati illi tmienja mid-disa pakketti mkebbin f'*tape* iswed li l-imputat jghid li kien qed izomm ghal haddiehor sakemm dan jitlobhomlu lura, kienu jikkontjenu l-eroina fis-segwenti pizijiet – 0.858 grammi, 0.75 grammi, 0.821 grammi, 0.853 grammi, 0.844 grammi, 0.831 grammi, 0.828 grammi u 0.815 grammi[21], filwaqt li l-pakkett l-iehor bit-*tape* iswed kien jikkontjeni raza tal-*cannabis* fil-piz ta' 1.047 grammi. Mill-bqija imbaghad, l-imputat indika bhala tieghu, il-pakkett li kien fih il-qratas tal-karti (ossia erbat iqratas tal-karti li kienu jikkontjenu l-eroina fis-segwenti pizijiet rispettivament – 0.035 grammi, 0.029 grammi, 0.033 grammi, 0.027 grammi[22]).

Fir-rigward tar-reat tal-pussess tad-droga bl-aggravanti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-*

[21] A fol. 96 tal-process.
[22] A fol. 97 tal-process.

*pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."*

Huwa car f'dan il-kaz illi l-imputat kien fil-pussess ta' ammont ta' droga eroina (u droga *cannabis*) li huwa ma kienx bi hsiebu jaghmel uzu minnha stante illi *ex admissis*, huwa kien qed izommha ghal haddiehor u ghaldaqstant din la kienet ghall-uzu tieghu u wisq inqas ghall-uzu esklussiv tieghu. La darba, skond is-sentenza citata, anke persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza hija stess minn dik id-droga, izda zzommha, minghajr raguni valida, biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss il-pussess ta' dik id-droga, izda l-pussess aggravat tal-istess, ghaliex ma jistax jinghad illi dik id-droga tkun ghall-uzu esklussiv taghha, *multo magis* allura jirrizulta l-pussess aggravat meta ghandek persuna u cioe` l-imputat fil-kaz odjern, illi kien qed izomm id-droga mhux biss bil-hsieb li ma jikkunsmax minnha, izda bil-hsieb li jghaddiha lil haddiehor. Il-fatt li hawn si tratta ta' kaz fejn l-imputat kien ser jghaddi id-droga lill-istess persuna li provdietha lilu huwa rrilevanti. Fl-istqarrija tieghu, ghalkemm l-imputat jghid illi kien jissuspetta li din kienet droga eroina, biss jghid ukoll illi kien jaf li kienet droga u illi huwa kien qed jigi uzat bhala "*keeper*". Tant l-imputat kien jaf li din kienet droga illi ta' dan ir-riskju huwa kien qed jithallas bid-droga stess, sabiex izomm il-vizzju tal-eroina li kien rega' qabad ghaxart ijiem qabel.

Ghaldaqstant, l-imputazzjoni (c) tirrizulta pruvata sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

Issa fir-rigward tal-imputazzjoni (b) ossia dik ta' traffikar ta' droga eroina, mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi l-imputat kien ilu jzomm id-droga

ghat-terza persuna li ghaddithielu ghall-ahhar ghaxart ijiem[23]. Mill-istess stqarrija, ma jirrizultax illi f'dan il-perjodu huwa kien ghadda minn din id-droga li nghatat lilu lill-persuna li kienet prokurathielu. Fil-fatt kif diga` inghad, l-imputat jghid b'referenza ghall-pakketti mkebbin f'*tape* iswed "*Dawk gew moghtija lili biex inzommhom temporanjament sakemm jerga' jitlobhomli. Jien kont qed nigi uzat bhala keeper …*". Biss l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt <u>biss</u> illi l-imputat offra li jipprovdi d-droga lil terza persuna, indipendentement minn kemm huwa fil-fatt lahaq ghamel dan ghaliex inqabad fil-pussess tal-istess droga mill-ufficjali tal-habs u independentement ghalhekk minn kemm kellu success o meno f'dan ir-rigward, ghal fini tal-ligi, huwa traffika dik id-droga. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ronald Psaila</u>**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa*

[23] A fol. 24 tal-process.

*stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776)."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa wkoll immaterjali illi l-imputat kien accetta li jipprovdi d-droga lill-istess persuna li kienet provdietha lilu originarjament. L-imputazzjoni ta' traffikar hija wahda cara u cioe` ikun hati tar-reat hemm dedott min iforni jew jipprokura jew joffri li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil persuna jew persuni jew ghal persuna jew persuni, minghajr ma jkollu licenza ad hoc kif tirrikjedi l-ligi. Minn dawn il-kliem, ghandu johrog car illi l-attivita` li l-legislatur jipprova jilhaq bid-disposizzjoni relattiva hija wahda vasta u tkopri wkoll l-agir tal-imputat illi *ex admissis* accetta li jzomm ghal haddiehor id-droga u li jforniha hekk kif u meta mitlub, anke jekk lill-istess persuna li taghtu din id-droga, u dan versu korrispettiv ossia fi kliemu stess, pakkett kuljum sabiex izomm il-vizzju tal-eroina.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u sal-grad rikjest fil-ligi l-imputazzjoni (b) migjuba kontra l-imputat. Biss f'dan ir-rigward, ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi r-reat ta' pussess aggravat kif dedott fl-imputazzjoni (c) serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar ta' droga eroina, kif

dedott fl-imputazzjoni (b) u ghaldaqstant, il-Qorti qed tapplika piena wahda ghaz-zewg imputazzjonijiet.

(e) <u>Bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-Habs medicina perikoluza ossia droga eroina</u>

Mill-provi mressqa, ma tirrizulta l-ebda prova li fil-fatt kien l-imputat li dahhal id-droga eroina li nstabet fil-pussess tieghu gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dak li jirrizulta huwa li huwa nghata din id-droga waqt li diga` kien detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minn terza persuna, izda kif u fejn inghata din id-droga ma jirrizultax.

Ghaldaqstant il-Qorti mhix sodisfatta illi din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi u qeghda tilliberah minnha.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri u ghalkemm lanqas ma indika l-persuna li kienet fornietu bid-droga li nstabet fil-pussess tieghu, ghaliex kif jghid hu fl-istqarrija tieghu, huwa beza' ghal hajjtu, madankollu huwa mill-ewwel ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema fedina penali jirrizulta illi fiz-zmien li sehhew ir-reati odjerni, l-imputat kien gie kkundannat *inter alia* dwar serq aggravat, pussess semplici ta' droga eroina u traffikar ta' droga eroina u li sussegwentement gie kkundannat ukoll ghal omicidju volontarju.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-pussess tal-imputat instab *inter alia* trab kontenenti d-droga eroina, f'piz nett totali ta' 7.602 grammi, b'purita` medja ta' cirka 46.37%.[24] Skond ix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud[25], dan l-ammont ta' droga huwa relattivament gholi, kif hija gholja wkoll l-purita` tal-istess droga. Wiehed irid iqis illi din id-droga instabet fl-ambjent tal-habs fejn, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispizjar Mifsud, qartas tipiku jikkontjeni madwar 0.02 grammi u ghalhekk apparti l-eroina misjuba fl-erbat iqratas tal-karti, il-pizijiet fil-pakketti l-ohrajn kienu relattivament gholjin. Il-Qorti qieset ukoll illi dawn ir-reati sehhew gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – lok intiz ghall-korrezzjoni u r-riforma tal-abitanti tieghu – u ghalhekk il-fatt illi tali reati sehhew f'tali cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jigi rifless ukoll fil-piena. Biss hija l-ligi stess li tipprovdi dwar dan fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta[26], skond liema artikolu meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw – dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi msemmija fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9 huma in ogni caso inapplikabbli ghar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Ghalhekk il-parametri tal-piena ghar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 9, huma bejn seba' xhur prigunerija (il-minimu, meta l-piena ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tizdied bi grad skond l-Artikolu 33A tal-Kap. 9) u ghoxrin sena prigunerija (il-massimu, meta l-istess piena ai termini tal-imsemmi Artikolu 22(2)(b)(i) tizdied b'zewg gradi skond l-imsemmi Artikolu 33A).

Il-Qorti mill-banda l-ohra qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Settembru tas-sena 2005 u illi l-proceduri ma twalux ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tqis ukoll it-trapass taz-zmien fil-kalibrar tal-piena.

[24] Il-Qorti m'hijiex tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li nstabet ukoll ir-raza tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat, ghaliex ir-reati li dwarhom qed jinstab hati jirreferu biss ghad-droga eroina.
[25] A fol. 88 *et seq* tal-process.
[26] Dan l-artikolu tal-ligi kien gie emendat permezz tal-Att XIII tas-sena 2005 u dahal fis-sehh fil-15 ta' Awwissu 2005, permezz tal-Avviz Legali 286/05.

In oltre kif inghad izjed il'fuq, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u (f), 22(1A) u (1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(h), 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (d) migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom, izda qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (b) u (c) u tikkundannah ghal **piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti qeghda in oltre tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, ammontanti ghas-somma ta' tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centemzu (Lm63.25), ekwivalenti ghas-somma ta' mija, sebgha u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€147.33), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*, PC 465 Daniel Abela u PS 46 Charlot Casha, ammontanti ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm22.50), ekwivalenti ghal tnejn u hamsin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€52.41) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' hames mija, tnejn u sittin Euro u seba' centezmi (€562.07). L-ammont totali ta' seba' mija, wiehed u

sittin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€761.81) ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------